REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 610/2009

tal-10 ta' lulju 2009

li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-kwota tariffarja fuq iċ-ċanga u l-vitella li joriġinaw fiċ-Ċili

(Verżjoni kodifikata)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 144(1) u 148 flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 297/2003 tas-17 ta' Frar 2003 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-kwota tariffarja fuq iċ-ċanga u l-vitella li joriġinaw fiċ-Ċili ([2]) ġie emendat kemm-il darba ([3]) b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

(2) Il-ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra ([4]), jistipula fl-Artikolu 71(5) mill-1 ta' Frar 2003, se tinfetaħ kwota tariffarja ta' 1 000 tunellata ta' ċanga u vitella li se tkun miżjuda annwalment b'100 tunellata.

(3) Il-kwoti kkonċernati għandhom ikunu amministrati permezz tal-użu tal-liċenzji tal-importazzjoni. Għal dan il-għan, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti ta' tariffi tal-importazzjoni għall-prodotti agrikoli ġestiti minn sistema ta' liċenzji għall-importazzjoni ([5]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 tat-23 ta' April 2008 jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni u ċertifikati tal-iffissar bil-quddiem għall-prodotti agrikoli ([6]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 382/2008 tal-21 ta' April 2008 dwar ir-regoli li jridu jiġu applikati għal-liċenzji ta' importazzjoni u esportazzjoni fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella ([7]) huma applikabbli soġġetti għal ċerti derogi.

(4) Iċ-Ċili obbliga ruħu li joħroġ ċertifikati ta' awtenticità għall-prodotti inkwistjoni li jattestaw li l-oġġetti joriġinaw fiċ-Ċili. Il-mudell u r-regoli għall-użu taċ-ċertifikat ta' awtenticità jridu jiġu stipulati.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 810/2008 tal-11 ta' Awissu 2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għal laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja friska, imkessħa u ffriżata u għal laħam tal-buflu ffriżat ([8]) jipprovdi għal ċertifikati ta' awtenticità għal perjodi ta' 12-il xahar li jibdew mill-1 ta' Lulju ta' sena waħda għal numru ta' kwoti taċ-ċanga u kwoti tal-vitella. Sabiex jiġi żgurat illi l-importazzjonijiet kollha jiġu ġestiti b'mod uniformi, għandhom jiġu stipulati regoli ta' implimentazzjoni simili għall-kwoti taċ-ċanga u l-vitella li joriġinaw fiċ-Ċili.

(6) Sabiex tiġi żgurata ġestjoni xierqa tal-importazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati, il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom ikunu suġġetti għall-verifika qabel jinħarġu, b'mod partikolari l-annotazzjonijiet fuq iċ-ċertifikati ta' awtenticità.

(7) Ir-rifużjoni sħiħa tad-dazji ta' importazzjoni bħala riżultat tal-eżenzjoni mid-dazju li hija applikabbli mill-1 ta' Frar 2003 ġiet applikata skont l-Artikolu 236 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarj ([9]) u bl-Artikoli 878 et seq tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ([10]).

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Taħt il-kwota tariffarja stipulata fl-Artikolu 71(5) tal-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, il-prodotti li joriġinaw fiċ-Ċili li hemm referenza għalihom fl-Anness I ta' dan ir-Regolament jistgħu jiġu importati, eżenti mid-dazju li hemm stipulat fit-tariffa doganali komuni, matul il-perjodi mill-1 ta' Lulju ta' sena sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 43, 18.2.2003, p. 26.
([3]) Ara l-Anness VIII.
([4]) ĠU L 352, 30.12.2002, p. 3.
([5]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
([6]) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.
([7]) ĠU L 115, 29.4.2008, p. 10.
([8]) ĠU L 219, 14.8.2008, p. 3.
([9]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.
([10]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

Il-kwantità tal-prodotti msemmijin fl-ewwel paragrafu għandhom ikunu kif indikat fl-Anness I għal kull perjodu ta' importazzjoni.

Artikolu 2

Il-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, ir-Regolament (KE) Nru 376/2008 u r-Regolament (KE) Nru 382/2008 għandhom japplikaw ħlief fejn hemm previst mod ieħor f'dan ir-Regolament.

Artikolu 3

1. Il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jagħtu lok għal obbligu ta' importazzjoni mill-pajjiż speċifiku. It-Taqsima 8 tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji u l-liċenzji għandhom juru l-pajjiż tal-oriġini u l-kaxxa li tindika l-kelma "iva" għandha tkun immarkata.

2. It-Taqsima 20 tal-applikazzjonijiet għal-liċenzja tal-importazzjoni u l-liċenzji tal-importazzjoni għandhom ikun fihom in-numru ta' serje 09.4181 u waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fl-Anness II.

Artikolu 4

1. Għandu jiġi mħejji ċertifikat ta' awtenticità li jiddikjara li l-prodotti joriġinaw fiċ-Ċili mill-awtorità tal-ħruġ msemmija fl-Artikolu 8 skont l-Artikolu 7.

L-oriġinal taċ-ċertifikat tal-awtenticità u kopja tiegħu ċċertifikata kif xieraq għandhom jiġu ppreżentati lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-awtorità kompetenti") fiż-żmien li ssir l-applikazzjoni inizjali għal liċenzja tal-importazzjoni konnessa maċ-ċertifikat tal-awtenticità.

2. Sakemm il-limitu tal-kwantità speċifikat fiċ-ċertifikat ma jiġix maqbuż, iktar minn liċenzja tal-importazzjoni waħda tista' tinħareġ taħt ċertifikat ta' awtenticità wieħed. Fejn dan ikun il-każ, l-awtorità kompetenti għandha tikkonferma ċ-ċertifikat ta' awtenticità sabiex tindika l-kwantitajiet attribwiti.

3. Ġaladarba tkun sodisfatta li l-informazzjoni kollha fiċ-ċertifikat ta' awtenticità tikkorrispondi għal dik li tasal kull ġimgħa mill-Kummissjoni dwar is-suġġett, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ liċenzji tal-importazzjoni. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-liċenzja ta' importazzjoni tista' tinħareġ.

Artikolu 5

1. Minkejja l-Artikolu 4, l-awtorità kompetenti tista' toħroġ liċenzja ta' importazzjoni fil-każijiet li ġejjin:

(a) l-oriġinali taċ-ċertifikat ta' awtenticità ġie ppreżentat iżda l-informazzjoni tal-Kummissjoni dwaru tkun għadha ma waslitx;

(b) l-oriġinali taċ-ċertifikat ta' awtenticità ma ġiex ippreżentat u l-informazzjoni tal-Kummissjoni dwaru tkun għadha ma waslitx;

(c) l-oriġinali taċ-ċertifikat ta' awtenticità ġie ppreżentat u l-informazzjoni tal-Kummissjoni dwaru tkun waslet iżda xi informazzjoni ma tkunx taqbel.

2. Fil-każijiet msemmijin fil-paragrafu 1, l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi ddepożitat fir-rigward tal-liċenzji ta' importazzjoni għandu jkun ta' ammont ekwivalenti għar-rata sħiħa ta' dazju doganali għall-prodotti inkwistjoni taħt it-tariffa doganali komuni li tkun applikabbli fil-ġurnata li fiha ssir l-applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni.

Ġaladarba jirċievu l-oriġinali taċ-ċertifikat ta' awtenticità u l-informazzjoni tal-Kummissjoni fuqu, u li jivverifikaw li d-dejta tkun tajba, l-Istati Membri għandhom jirrilaxxaw il-garanzija msemmija fl-ewwel subparagrafu.

Il-preżentazzjoni lill-awtorità kompetenti taċ-ċertifikat ta' awtenticità oriġinali meħtieġ mil-leġiżlazzjoni qabel il-perjodu ta' validità tal-liċenzja ta' importazzjoni kkonċernata jiskadi tikkostitwixxi rekwiżit primarju fit-tifsira tal-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 [1] fir-rigward tal-garanzija msemmija fl-ewwel subparagrafu.

Kwalunkwe ammonti tal-garanzija msemmijin fl-ewwel subparagrafu li mhumiex rilaxxati jiġu mitlufa u jinżammu bħala dazju doganali.

Artikolu 6

Iċ-ċertifikati ta' awtenticità u l-liċenzji ta' importazzjoni għandhom it-tnejn ikunu validi għal tliet xhur mid-data tal-ħruġ rispettiva tagħhom.

Madanakollu, il-perjodu ta' validità ma jistax jiskadi iktar tard mit-30 ta' Ġunju li jmiss wara d-data tal-ħruġ tagħhom.

Artikolu 7

1. Iċ-ċertifikat ta' awtenticità msemmi fl-Artikolu 4 għandu jiġi magħmul f'oriġinali wieħed u mhux inqas minn kopja waħda skont il-mudell fl-Anness III.

Il-formoli għandhom ikunu ta' qies approssimattiv ta' 210 × 297 mm u l-karta għandha tiżen mhux inqas minn 40 g/m^2.

2. Il-formoli għandhom ikunu stampati u mimlija f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità; jistgħu jiġu wkoll stampati u mimlija fil-lingwa uffiċjali taċ-Ċili.

3. Iċ-certifikati ta' awtenticità għandu jkollhom numru ta' serje individwali li jkun allokat mill-awtoritajiet tal-ħruġ imsemmija fl-Artikolu 8. Il-kopji għandhom ikollhom l-istess numru ta' serje bħall-oriġinali.

4. L-oriġinali u l-kopji taċ-ċertifikat ta' awtenticità jistgħu jkunu ttajpjati jew miktubin bl-idejn. Fl-aħħar każ, għandhom jiġu mimlijin b'inka sewda u b'ittri majuskoli.

5. Iċ-ċertifikati ta' awtenticità jkunu biss validi jekk ikunu debitament mimlijin u kkonfermati mill-awtorità tal-ħruġ msemmija fl-Artikolu 8.

[1] ĠU L 205, 3.8.1985, p. 5.

Iċ-ċertifikati ta' awtentiċità għandhom jitqiesu li ġew debitament ikkonfermati jekk jispeċifikaw id-data u l-post tal-ħruġ u jekk ikollhom it-timbru tal-awtorità tal-ħruġ u l-firma tal-persuna jew persuni awtorizzati li jiffirmawhom.

It-timbru jista' jiġi sostitwit minn siġill stampat fuq iċ-ċertifikat ta' awtentiċità oriġinali u fuq kull kopja tiegħu.

Artikolu 8

1. L-entità awtorizzata miċ-Ċili sabiex toħroġ iċ-ċertifikati ta' awtentiċità (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-awtorità tal-ħruġ"), li hija stabbilita fl-Anness IV, għandha:

(a) tobbliga ruħha li tivverifika l-annotazzjonijiet fuq iċ-ċertifikati ta' awtentiċità;

(b) tobbliga ruħha li tagħti lill-Kummissjoni, għallinqas darba fil-ġimgħa, kull informazzjoni li jista' jkollha bżonn sabiex tivverifika l-annotazzjonjiet fuq iċ-ċertifikati ta' awtentiċità.

2. L-Anness IV jista' jiġi revedut mill-Kummissjoni jekk l-awtorità tal-ħruġ ma tibqax tiġi rikonoxxuta, jekk ma twettaqx wieħed mill-obbligi tagħha jew jekk awtorità tal-ħruġ ġdida tiġi maħtura.

Artikolu 9

Il-Kummissjoni għandha tgħaddi lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kampjun tal-impronti tat-timbru użati mill-awtorità tal-ħruġ u l-ismijiet u l-firem tal-persuni awtorizzati biex jiffirmaw iċ-ċertifikati ta' awtentiċità li jkunu kkomunikati lilha mill-awtorità fiċ-Ċili.

Artikolu 10

1. Bħala deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni:

(a) mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu wara t-tmiem ta' kull perjodu tal-kwota tariffarja għall-importazzjoni, il-kwantitajiet tal-prodotti, inklużi l-prospetti żero, li għalihom inħarġu liċenzji ta' importazzjoni fil-perjodu preċedenti tal-kwota tariffarja għall-importazzjoni;

(b) mhux aktar tard mill-31 ta' Ottobru wara t-tmiem ta' kull perjodu tal-kwota tariffarja għall-importazzjoni, il-kwantitajiet tal-prodotti, inklużi l-prospetti żero, koperti minn liċenzji ta' importazzjoni li ma ntużawx jew li ntużaw parzjalment u li jikkorrispondu għad-differenza bejn il-kwantitajiet imniżżla fuq wara tal-liċenzji ta' importazzjoni u l-kwantitajiet li nħarġu għalihom.

2. Mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru wara t-tmiem ta' kull perjodu tal-kwota tariffarja għall-importazzjoni, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-kwantitajiet tal-prodotti li effettivament ġew rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa matul il-perjodu preċedenti tal-kwota tariffarja għall-importazzjoni.

Madankollu, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, mill-perjodu tal-kwota tariffarja għall-importazzjoni li jibda fl-1 ta' Lulju 2009, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni d-dettalji tal-kwantitajiet tal-prodotti li tqiegħdu f'ċirkolazzjoni ħielsa mill-1 ta' Lulju 2009.

3. In-notifiki msemmija fil-paragrafu 1 u fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 għandhom isiru kif ġie indikat fl-Annessi V, VI u VII ta' dan ir-Regolament u għandhom jintużaw il-kategoriji tal-prodotti indikati fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 382/2008.

Artikolu 11

Ir-Regolament (KE) Nru 297/2003 jitħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IX.

Artikolu 12

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni

José Manuel BARROSO

Il-President

ANNESS I

Prodotti li jibbenefikaw mill-konċessjoni tariffarja msemmija fl-Artikolu 1:

Numru ta' serje	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata skontata fuq dazju doganali %	Kwantità annwali mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Ġunju 2010 (Piż nett tal-prodott, tunnellati)	Żieda annwali mill-1 ta' Lulju 2010 (Piż nett tal-prodott, tunnellati)
09.4181	0201 20 0201 30 00 0202 20 0202 30	Ċanga jew vitella friski, mkesħħa jew iffriżati (1)	100	1 650	100

(1) "Laħam iffriżat" tfisser laħam li, meta jiddaħħal fit-territorju doganali tal-Komunità, ikollu temperatura interna ta' –12 °C jew inqas.

ANNESS II

Annotazzjonijiet msemmija fl-Artikolu 3(2)

— *bil-Bulgaru:* Регламент (ЕО) № 610/2009

— *bl-Ispanjol:* Reglamento (CE) nº 610/2009

— *biċ-Ċek:* Nařízení (ES) č. 610/2009

— *bid-Daniż:* Forordning (EF) nr. 610/2009

— *bil-Ġermaniż:* Verordnung (EG) Nr. 610/2009

— *bl-Estonjan:* Määrus (EÜ) nr 610/2009

— *bil-Grieg:* Κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 610/2009

— *bl-Ingliż:* Regulation (EC) No 610/2009

— *bil-Franċiż:* Règlement (CE) nº 610/2009

— *bit-Taljan:* Regolamento (CE) n. 610/2009

— *bil-Latvjan:* Regula (EK) Nr. 610/2009

— *bil-Litwen:* Reglamentas (EB) Nr. 610/2009

— *bl-Ungeriż:* 610/2009/EK rendelet

— *bil-Malti:* Regolament (KE) Nru 610/2009

— *bl-Olandiż:* Verordening (EG) nr. 610/2009

— *bil-Pollakk:* Rozporządzenie (WE) nr 610/2009

— *bil-Portugiż:* Regulamento (CE) n.º 610/2009

— *bir-Rumen:* Regulamentul (CE) nr. 610/2009

— *bis-Slovakk:* Nariadenie (ES) č. 610/2009

— *bis-Sloven:* Uredba (ES) št. 610/2009

— *bil-Finlandiż:* Asetus (EY) N:o 610/2009

— *biż-Żvediz:* Förordning (EG) nr 610/2009

ANNESS III

Formola kampjun taċ-ċertifikat ta' awtentiċità

<table>
<tr><td colspan="2">1. Esportatur (isem u indirizz)</td><td>2. Ċertifikat Nru</td><td>ORIĠINALI</td></tr>
<tr><td colspan="2"></td><td colspan="2">3. Awtorità tal-ħruġ</td></tr>
<tr><td colspan="2">4. Destinatarju (isem u indirizz)</td><td colspan="2" rowspan="2">5. ĊERTIFIKAT TA' AWTENTIĊITÀ GĦAĊ-ĊANGA U L-VITELLA

Regolament (KE) Nru 610/2009</td></tr>
<tr><td colspan="2">6. Mezzi tat-trasport</td></tr>
<tr><td colspan="2">7. Marki, numri, kwantità u tip ta' pakketti, deskrizzjoni tal-oġġetti</td><td>8. Piż gross (kg)</td><td>9. Piż nett (kg)</td></tr>
<tr><td colspan="4">10. Piż nett (fi kliem)</td></tr>
<tr><td colspan="4">11. ATTESTAZZJONI MILL-AWTORITA TAL-ĦRUĠ

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li ċ-ċanga/vitella deskritta f'dan iċ-ċertifikat toriġina fiċ-Ċili

Post: ..... Data:

..... Firma u timbru (jew siġill stampat)</td></tr>
</table>

Għandha timtela jew bit-typewriter jew bl-idejn f'itrri majuskoli.

ANNESS IV

Il-korp awtorizzat miċ-Ċili għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' awtenticità:

Asociación Gremial de Plantas Faenadoras Frigoríficas de Carnes de Chile

Teatinos 20 – Oficina 55

Santiago

Chile

ANNESS V

In-notifika tal-liċenzji ta' importazzjoni (maħruġa) – Ir-Regolament (KE) Nru 610/2009

L-Istat Membru: …

L-applikazzjoni tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 610/2009

Il-kwantitajiet tal-prodotti li għalihom inħarġu l-liċenzji ta' importazzjoni

Minn: … lil: …

In-Nru tal-Ordni	Il-kategorija jew kategoriji tal-prodott [1]	Il-kwantità (piż tal-prodott f'kilogrammi)
09.4181		

[1] Il-kategorija jew kategoriji tal-prodott kif ġie ndikat fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 382/2008.

ANNESS VI

In-notifika tal-liċenzji ta' importazzjoni (il-kwantitajiet li ma ntużawx) – Ir-Regolament (KE) Nru 610/2009

L-Istat Membru: …

L-applikazzjoni tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 610/2009

Il-kwantitajiet tal-prodotti li għalihom ma ntużawx il-liċenzji ta' importazzjoni

Minn: … lil: …

In-Nru tal-Ordni	Il-kategorija jew kategoriji tal-prodott (1)	Il-kwantità li ma ntużatx (piż tal-prodott f'kilogrammi)
09.4181		

(1) Il-kategorija jew kategoriji tal-prodott kif ġie ndikat fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 382/2008.

ANNESS VII

In-notifika tal-kwantitajiet tal-prodotti imqiegħda f'ċirkolazzjoni ħielsa — Ir-Regolament (KE) Nru 610/2009

L-Istat Membru: …

L-applikazzjoni tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 610/2009

Il-kwantitajiet tal-prodotti imqiegħda f'ċirkolazzjoni ħielsa:

Minn: … lil: … (il-perjodu tal-kwota tariffarja għall-importazzjoni).

In-Nru tal-Ordni	Il-kategorija jew kategoriji tal-prodott (1)	Il-kwantità imqiegħda f'ċirkolazzjoni ħielsa (piż tal-prodott f'kilogrammi)
09.4181		

(1) Il-kategorija jew kategoriji tal-prodott kif ġie ndikat fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 382/2008.

ANNESS VIII

Regolament imħassar flimkien ma' l-emendi suċċessivi tiegħu

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 297/2003 (ĠU L 43, 18.2.2003, p. 26)	
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1118/2004 (ĠU L 217, 17.6.2004, p. 10)	Artikolu 9 biss
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1965/2006 (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 274-291)	Artikolu 5 u Anness V biss
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 567/2007 (ĠU L 133, 25.5.2007, p. 13)	
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 332/2008 (ĠU L 102, 12.4.2008, p. 17)	
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 749/2008 (ĠU L 202, 31.7.2008, p. 37)	Artikolu 1 u Anness I biss

ANNESS IX

Tabella ta' korrelazzjoni

Regolament (KE) Nru 297/2003	Dan ir-Regolament
Artikolu 1(1)	Artikolu 1
Artikoli 2 sa 9	Artikoli 2 sa 9
Artikolu 9a	Artikolu 10
—	Artikolu 11
Artikolu 10, l-ewwel paragrafu	Artikolu 12
Artikolu 10, it-tieni paragrafu	—
Anness I	Anness I
Anness IA	Anness II
Anness II	Anness III
Anness III	Anness IV
Anness IV	Anness V
Anness V	Anness VI
Anness VI	Anness VII
—	Anness VIII
—	Anness IX